# META SAR ĦAQQ MILL-PARROĊĊA.

Kavallier Joseph Galea.

Biex inkunu nistgħu niktbu sew l-istorja tar-Raħal, jeħtiġilna nagħzlu lil Ħad-Dingli minn dak ta' Ħal-Tartarni, minkejja li kienu qishom ħaġa waħda, għaliex fil-qrib. Il-parroċċa kienet Santa Duminka ta' Ħal-Tartarni, u f'Ħad-Dingli milli jidher mid-dokumenti ma kienx hemm kappelli oħra ħlief dik tal-Madliena, ta' fuq l-Irdum, u tnejn oħra, dik ta' San Ġakbu fl-inħawi ta' Wied ir-Rum, u l-oħra fl-inħawi tal-Qattara magħrufa bl-isem ta' Callus.

Ir-rettur tal-kappelli, wieħed mill Ħdud ta' kull xahar, kellu jmur l-Imdina biex jaqdi dmirijiet tal-Katidral. U, jista jkun li kemm Ħal-Tartarni, u sew Ħad-Dingli, ma kellhomx qassisin igħixu hemm, u jista jkun ukoll li ftit kien hemm nies igħixu fl-inħawi minħabba l-biża tal-inzul tal-furbani Għarab, li kienu jinżlu fuq il-blat, jisirqu u jħarbtu kull ma jsibu, u bosta drabi jaqbdu lill missierijetna u jehduhom biex ibigħuhom fis-suq ta' l-ilsiera.

Għaldaqshekk, fis-sena 1539, il-parroċċa ta' Santa Duminka, tneħħewlha l-privileġġi kollha ta' parroċċa u għaqduha ma' San Pawl tar-Rabat ta' l-Imdina.

Aktarx li kienet qamet tilwima bejn iz-zewġt irħula, ta' Ħad-Dingli u dik ta' Ħal-Tartarni, dwar proprieta, għaliex l-inħawi ta' Santa Duminka kienu jagħmlu mal-Baruni Inguanez ta' l-Imdina.

Dak l-isem tal-Parroċċa, Santa Duminka, ma tantx kien idoqq sew għall widnejn il-bdiewa ta' l-inħawi, u bosta kienu jixtiequ li ikollhom knisja f'isem Santa Marija, bħal bosta rħula oħra f'Malta.

It-tilwima damet sejra qatieh.

Għadda z-zmien, u meta l-Isqof Malti Baldassare Cagliares, kien għamel il-Vizta Pastorali, u mar izur l-kappelli ta' Hal-Tartarni fis-sena 1615, firidha minn dik tar-Rabat, u reġa waqqafha parroċċa għaliha.

Meta, mbghad, nhar is-7 ta' Settembru 1668, kien miet l-Isqof Luca Bueno, sakemm intgħazel Isqof ġdid minn Ruma, jiġifieri tul is-sede vacante, ħa f'idejh id-djoċesi l-Kanonku Giovanni.

Antonio Cauchi, l-Arċipriet tal-Katidral, u Vigarju Kapitulari, u mal-ħatra tiegħu reġa neħħa l-parroċċa ta' Had-Dingli u għaqqadha mal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat ta' l-Imdina, u warrab lill kappillan Dun Rajmundu Mifsud mir-Raħal.

Iżda ġara li meta kien miet l-Isqof Lorenzo Astiria



fit-3 ta' Jannar 1678, u wara ftit inħatar Miguel Molina, Isqof ta' Malta, u bħal ta' qablu, beda jzur il-knejjes tad-djoċesi, mar izur il-Knisja ta'Had-Dingli, nhar l-aħħar tas-sena 1678, kien ħareġ degriet li bih kien reġa waqqafha parroċċa għaliha, u firidha darba għal dejjem minn San Pawl. Fil-Vizta tiegħu ħalla miktub li "it-tneħħija minn parroċċa kien grave abbuso" u kienu naqsu kemm mill-prudenza, u sew mill-ġustizzja.

Kif xterdet l-aħbar fir-raħal kien hemm ferħ kbir, u dlonk twebblu li jibnu knisja ġdida għaz-zewġ irħula flimkien, bl-isem ta' Santa Marija Assunta. Bosta Sinjuri, u l-bdiewa, u l-aktar wieħed minnhom kien il-Baruni Marcantonio Inguanez, taw flushom,u proprieta, għalbiex il-knisja jkollha biex izzomm kif jixraq, kif jidher imnizzel fl-Atti tan-Nutar Mario Saliba.

Dun Rajmundo Mifsud reġa nħatar kappillan, kif igħid id-dokument "quomvis opus erit in parrocchiale" bil-privileġġi u pizijiet imħollija għaliha kollha.

Jidher minn dak li kiteb l-Isqof Molina fis-sena 1678 li fir-Raħal kien hemm 75 dar, u jgħixu fihom 370 ruħ, 'ienu jagħmlu u jaqdu d-dmirijiet reliġjuzi tagħhom 250 ruħ, li jfisser li minn dawn barra milli kien hemm tfal zgħar, kien hemm ukoll xjuħ. Ma kienx hemm qassissin hlif il-kappillan, u n-nies tar-raħal biex jibqa dejjem magħhom, bnewlu dar fuq il-pjazza, għalieħ u għal dawk kollha li għad jiġu warajh.



***Artiklu meħud mill-fuljett "L-Istandard" ta' Novembru / Diċembru 1987, liema fuljett kienet toħorġu l-Għaqda Mużikali Santa Marija. L-artiklu kien inkiteb mill-Kavallier Joseph Galea.***